Nru. 18,239
Prezz/Price
€0.19 (Lm0.08)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 29 ta' April, 2008
Tuesday, 29th April, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONI TAL-GVERN

Nru. 359

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

Nomina ta' Ġenitur fuq il-Kunsill għall-Professjoni ta' l-Għalliema bħala Rappreżentant ta' l-Assoċjazzjonijiet tal-Ġenituri

SKOND l-Artikolu 26 (1) (f) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport qiegħed fil-proċess li jaħtar il-Kunsill għall-Professjoni ta' l-Għalliema.

Dawk l-Assoċjazzjonijiet tal-Ġenituri li jixtiequ jinnominaw rappreżentant għal dan il-Kunsill għandhom jesprimu dan l-interess billi sa nhar il-Ġimgħa, it-2 ta' Mejju, 2008 jiktbu lil:

Dott. Maria Sciriha, Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport, "Casa Leoni", 476, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera.

L-Assoċjazzjonijiet kollha tal-Ġenituri kemm ta' tfal fl-iskejjel tal-Gvern, fl-iskejjel tal-Knisja jew skejjel indipendenti, jistgħu jibagħtu n-nomina tagħhom. Il-Ministru mbagħad tkun trid tagħżel persuna biex tirrappreżenta lill-Assoċjazzjonijiet tal-Ġenituri fil-Kunsill għall-Professjoni ta' l-Għalliema.

Id-29 ta' April, 2008

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw illi skond il-paragrafu (a) tar-Regolament 16 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, huma ser ikunu fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant'Jiermu, il-Belt Valletta, biex jirċievu n-nomini ta' Kandidati għall-elezzjoni ta' ħames Kunsilliera għal-Lokalità ta' Mtarfa mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m. nhar it-Tnejn il-5, it-Tlieta is-6 u l-Erbgħa is-7 ta' Mejju, 2008.

GOVERNMENT NOTICE

No. 359

EDUCATION ACT (CAP. 327)

Nomination of a Parent on the Teaching Profession Council as a Representative of the Parents' Associations

IN terms of Article 26 (1) (f) of the Education Act, the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport is in the process of appointing the Teaching Profession Council.

Those Parents' Associations that would like to nominate a representative for this Council should express their interest till Friday, 2nd May, 2008 by writing to:

Dr Maria Sciriha, Ministry of Education, Culture, Youth and Sport, "Casa Leoni", 476 St. Joseph High Road, Santa Venera.

All Parents' Associations in government, church and private schools are eligible to nominate a person. Finally it will be the Minister who will appoint a person from the list submitted to represent the Parents' Associations representatives of the Teaching Profession Council.

29th April, 2008

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

The Electoral Commissioners hereby give notice in terms of paragraph (a) of Regulation 16 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, that they will be in attendance at the Office of the Electoral Commission, Evans Building, St Elmo Square, Valletta, to receive nominations of Candidates for the election of five Councillors for the Locality of Mtarfa from 9.00 a.m. to 1.00 p.m. on Monday 5th, Tuesday 6th and Wednesday 7th May, 2008.

Il-Kummissjonarji Elettorali javżaw ukoll illi meta kandidat prospettiv ma jkunx jista' jippreżenta n-nomina tiegħu personalment u jawtorizza rappreżentant tiegħu biex jippreżenta n-nomina minfloku, l-awtorizzazzjoni sabiex tiġi ppreżentata n-nomina għanda ssir permezz ta' prokura ffirmata minn Nutar Pubbliku jew Kummissarju b'setgħa li jagħti ġurament.

L-oġġezzjonijiet għan-nomini jintlaqgħu fl-imsemmi Uffiċċju nhar il-Ħamis it-8 u l-Ġimgħa id-9 ta' Mejju, 2008, mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Id-29 ta' April, 2008

The Electoral Commissioners hereby further notify that when a prospective candidate is unable to submit his nomination personally and authorises his representative to submit the nomination on his behalf, the authorisation for the presentation of the nomination shall be effected through a power of attorney duly signed by a Notary Public or a Commissioner authorised to administer an oath.

Objections to nominations will be received at the aforementioned Office on Thursday 8th and Friday 9th May, 2008, from 9.00 a.m. to 1.00 p.m.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

29th April, 2008

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw skond il-paragrafu (b) tar-regolament 16 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, illi l-votazzjoni dwar l-Elezzjoni li ġejja ta' ħames Kunsillieri għal-Lokalità ta' Mtarfa, għandha issir is-Sibt, l-24 ta' Mejju, 2008 u li l-postijiet tal-votazzjoni għandhom jibqgħu miftuħin mis-7.00 a.m. sas-7.00 p.m.

Huwa avżat ukoll illi l-postijiet tal-votazzjoni għandhom ikunu dawk li jidhru fl-iskeda li tinsab wara dan l-avviż.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

SKEDA

MTARFA

Kmamar tal-Votazzjoni Nri. 288, 289, u 290
Skola Sekondarja Sir T. Zammit,
Ex-David Bruce Hospital.

Id-29 ta' April, 2008

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

The Electoral Commissioners hereby give notice in terms of paragraph (b) of Regulation 16 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, that the poll in connection with the forthcoming Election of five Councillors for the Locality of Mtarfa, shall take place on Saturday, 24th May, 2008, and that the polling places shall be kept open from 7.00 a.m. to 7.00 p.m.

It is further notified that the polling places shall be those shown in the schedule following this notice.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

SCHEDULE

MTARFA

Polling Booths Nos. 288, 289, and 290
Sir T. Zammit Secondary School,
Ex-David Bruce Hospital.

29th April, 2008

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Il-Kummissjonarji Elettorali b'dan javżaw skond il-paragrafi (ċ) u (d) tat-Tielet Skeda tar-Regolament 16 ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, illi wara li tagħlaq il-votazzjoni nhar is-Sibt, l-24 ta' Mejju, 2008, il-kaxxi tal-voti għal-Lokalità ta' Mtarfa jinġarru fis-Sala għall-Konsenja, in-Naxxar, fejn se jiġu riċevuti u minn hemmhekk jittieħdu u jinżammu fis-Sala ta' l-Għadd tal-Voti, in-Naxxar. Il-ftuħ tal-kaxxi tal-voti jibda wara s-7.00 p.m. nhar is-Sibt, l-24 ta' Mejju, 2008, fl-imsemmija Sala ta' l-Għadd, u l-għadd tal-voti għandu jsir hemmhekk minnufih wara.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Id-29 ta' April, 2008

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

The Electoral Commissioners hereby give notice in terms of paragraphs (c) and (d) of the Third Schedule of Regulation 16 of the Local Councils' Act, 1993, that after the closing of the poll on Saturday, 24th May, 2008, the ballot boxes for the Locality of Mtarfa will be transported to the Delivery Hall, Naxxar, and from there taken and kept at the Counting Hall, Naxxar. The opening of the ballot boxes will commence after 7.00 p.m. on Saturday, 24th May, 2008, at the aforementioned Counting Hall, and the counting of the votes will take place thereat immediately thereafter.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

29th April, 2008

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Il-Kummissjoni Elettorali b'dan tavża illi skond is-subartikolu (5) tar-regolament 20 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, kull partit politiku li jikkontesta l-elezzjoni għall-Kunsill Lokali ta' Mtarfa, għandu jagħti lill-Kummissjoni Elettorali l-ismijiet tal-kandidati li jkunu qed jikkontestaw l-elezzjoni fl-interess tiegħu f'din il-Lokalità.

Il-Kummissjoni Elettorali tavża wkoll illi kandidati li sejrin jikkontestaw l-elezzjonijiet imsemmija hawn fuq jew il-partit li miegħu jkunu jagħmlu, jistgħu jissupplixxu kull *badge* jew distintiv approvat mill-Kummissjoni, biex jiġi stampat

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

The Electoral Commission hereby gives notice that in terms of sub-section (5) of regulation 20 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, every political party contesting the election for the Local Council of Mtarfa, shall provide the Electoral Commission with the names of the candidates contesting the election in its own interest in this Locality.

The Electoral Commission further notifies that candidates contesting the abovementioned elections or the party to which the candidates belong, may supply any badge or device approved by the Commission, to be printed opposite the

quddiem isem il-kandidati fuq il-polza tal-votazzjoni skond is-subartikolu (6) tar-regolament 20 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali. *Artwork* ta' l-imsemmija *badge* jew distintiv għandu jingħata lill-Kummissjoni Elettorali mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, id-9 ta' Mejju, 2008.

Huwa avżat ukoll illi kandidati li jixtiequ jkollhom ir-ritratti tagħhom esposti fil-kmamar tal-votazzjoni skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4) (d) tar-regolament 41 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, jistgħu jieħdu lill-Kummissjoni Elettorali, sa mhux aktar tard minn nhar l-Erbgħa, l-14 ta' Mejju, 2008, kopji tar-ritratti tagħhom għal-lokalità li jikkontestaw. Dawn ir-ritratti (jew *prints*) ma għandhomx ikunu immontati, għandhom ikunu bla gwarniça u stampati bil-kulur jew bl-iswed fuq karta bajda u ta' daqs wieħed, jiġifieri 210 mm għoli u 165 mm wiesa'. Kull kopja għandu jkollha, stampati b'tipi suwed, l-isem tal-kandidat. Jistgħu jiżdiedu wkoll il-*badge* tal-kandidat u l-isem tal-Partit li miegħu jagħmel il-kandidat, jekk il-kandidat jixtieq hekk. L-isem tal-kandidat u l-*badge* tal-kandidat, jekk ikollu, u l-isem tal-Partit, jekk ikollu, iridu jkunu fin-naħa t'isfel nett tar-ritratt. Il-qies ta' isem il-kandidat u tal-partit, jekk ikollu, għandhom ikunu ta' 8 millimetri.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

Id-29 ta' April, 2008

candidates' name on the ballot paper in terms of sub-section (6) of regulation 20 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993. An artwork of the aforementioned badge or device must be submitted to the Electoral Commission by not later than Friday, 9th May, 2008.

It is further notified that candidates wishing to have their photographs displayed in the polling booths under the provisions of sub-section (4) (d) of regulation 41 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, may present to the Electoral Commission, by not later than Wednesday, 14th May, 2008, copies of their photographs for the locality they contest. Such photographs (or prints) must be unmounted, unframed and printed in colour or black on white paper and must be of a uniform size, namely 210 mm high and 165 mm wide. Each copy is to bear, printed in black type, the name of the candidate. The candidate's badge and the name of the Party to which the candidate belongs may also be added, if the candidate so wishes. The name of the candidate and the candidate's badge, if any, and the name of the party, if any, must be shown at the bottom of the photograph. The size of the name of the candidate and the party, if any, is to be 8 millimetres.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

29th April, 2008

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*